MALTA

# QORTI CIVILI PRIM AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 29/2001/1

**Gasan Enterprises Limited**
vs
**Awtorita' tal-Ippjanar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mressaq mid-ditta Gasan Enterprises Limited fl-24 ta' Ottubru 2001, li in forza tieghu wara li ppremettiet illi fl-1993 r-rikorrenti kienu ghamlu applikazzjoni li ggib n-numru 004/93 sabiex jaghmlu zvilupp fil-Pjazzetta, Tower Road, kantuniera ma' Ghar il-Lembi Street, Sliema; Illi mid-determinazzjoni ta' din l-applikazzjoni mill-Awtorita' kien sar appell Nru. 155/93 fil-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u evenwalment kien rega' sar appell mill-Awtorita' mid-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell lill-Qorti ta' l-Appell. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien iddecieda l-meritu tas-sentenza fit-12 ta' Gunju, 1996 u l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet fid-29 ta' Ottubru, 1999 u kienet rrimettiet lura l-process lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Illi d-decizjoni tad-29 ta' Marzu tas-sena elfejn

(2000) fil-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien iddecieda li l-*file* relattiv jintbaghat lura lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp sabiex tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent fis-sens kif indikat fil-paragrafu dsatax (19) tad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell ghal liema gja hawn fuq saret riferenza. Illi fid-29 ta’ Marzu sal-lum u cioe’ Ottubru tas-sena 2001 ben sena u nofs wara l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar baqghet ma ghamlet xejn u baqghet bl-ebda mod ma obdiet id-direttivi moghtija lilha mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u ghalhekk bhala konsegwenza ta’ dan l-applikazzjoni ta’ l-esponent ghad ma gietx deciza u baqa ma sar xejn fil-kwistjoni ta’ l-applikazzjoni tieghu.

Ippremettiet illi dan id-dewmien evidentement qieghed ikun ta’ pregudizzju enormi ghall-esponent u qieghed jikkawzalu danni kummercjali serji hafna. Illi l-esponent kemm il-darba pprotesta ruhhu ma’ l-Awtorita’ u kiteb sabiex l-istess Awtorita’ tagmel dak minnha mehtieg u senjatament baghat l-ittra ta’ l-10 ta’ Mejju, 2001 u 12 ta’ Settembru, 2001 kopja ta’ liema qeghdin jigu hawn mehmuza u mmarkati Dok A u Dok B. Illi fil-25 ta’ Gunju, 2001 l-Avukat ta’ l-Awtorita’ kien kiteb lill-Avukat tar-rikorrent li kellu pjacir jinfurmah li l-*file* relattiv kien ha jibghat lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp biex il-proposti tar-rikorrent jigu evalwati kif dirett mill-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar imma nonostante dan rega baqa ma sar xejn;

Ippremettiet ili dan id-dewmien kollu qieghed igib vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fid-determinazzjoni tad-drittijiet tieghu u dan kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk l-esponent filwaqt li jgib is-su-riferiet ghall-attenzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti jitlob bir-rispett li joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li d-dewmien inkors fid-determinazzjoni ta’ l-applikazzjoni tieghu fuq immsemmija qed iggib ksur u vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli partikolarment kif protett fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319 tal-Ligijiet ta’

Malta u b'hekk taghtih dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li inforza tieghu eccepiet:

1. Illi preliminarjament, ir-rikors Kostituzzjonali tas-socjeta' rikorrenti huwa null stante li l-istess rikors ma giex pprecedut minn ittra ufficjali jew protest a tenur ta' l-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess socjeta' rikorrenti ma ezawritx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz in dezamina, u dan stante li l-ilment tas-socjeta' rikorrenti m'huwiex indirizzat lejn tribunal imwaqqaf bl-Ligi;

4. Illi fil-mertu, l-istess rikors huwa intempestiv stante li kif diga' gie nfurmat l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti, l-Awtorita' intimata hadet il-passi biex l-istess applikazzjoni tas-socjeta' rikorrenti tigi processata mill-organi kompetenti ta' l-istess Awtorita', u dan anke wara li l-istess kwistjoni tressqet quddiem il-Bord ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru, 2001, u dan wara li l-istess Awtorita' qieset bir-reqqa l-posizzjoni legali taghha, in vista tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 1999, kif ukoll in vista tad-decizjoni mehuda mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 2000, liema decizjonijiet, kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha, ma taw l-ebda "direttiva" lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrenti fis-sens kif indikat fil-paragrafu dsatax (19) tad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

5. Illi in vista tal-premess, t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta rikorrenti.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat li l-Awtorita' intimata ma resqitx nota responsiva avolja inghatat l-opportunita' biex taghmel dan.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza id-ditta rikorrenti qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha peress illi l-applikazzjoni li resqet quddiem l-Awtorita tal- Ippjanar numru 004/93 ghadu ma giex determinat mill-istess Awtorita' u dan nonostante decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid- 29 ta' Ottubru 1999, li rrinvjat il-process lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex dik l-applikazzjoni tigi processata skond il-ligi. Dan id-dewmien, skond ir-rikorrenti, jivjola d-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea(Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-intimat qed jecepixxi *in linea* preliminari u fil-qosor,

(a) li dawn il-proceduri kellhom ikunu ppreceduti b'Ittra Ufficjali jew Protest kif jitlob l-art. 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) li s-socjeta rikorrenti ma ezawritx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha; u

(c) li l-art. 6 tal-Kap. 319 invokat ma japplikax ghal-Awtorita tal-Ippjanar li m'ghandux organu li hu Tribunal fis-sens kontemplat f'dak l-artikolu.

Ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tajjeb li jigi rilevat, fl-ewwel lok, li din il-Qorti, fil-kompetenza taghha Civili fil-kawza "<u>Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita tal-</u>

Ippjanar" deciza fit-13 ta' Lulju 2000, kienet osservat li meta persuna tkun trid taghmel kawza kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita' permezz ta' Ittra Ufficjali jew Protest Gudizzjarju, li ghandha intenzjoni li taghmel il-kawza; jekk din l-ittra ma tintbaghatx il-kawza tkun nulla.

Ghalkemm, mela, fil-kors ta' proceduri normali, l-Awtorita' tal-Ippjanar hi milquta bl-artikolu 460 tal-Kap 12 f'dawn il-proceduri, din il-kawza mhiex wahda ta' natura civili jew amministrattiva, izda hi wahda bazata fuq il-Konvenzjoni Ewropea.

L-art 460, issa, jezenta mill-applikazzjoni tieghu*,* ***interalia*** l-azzjonijiet ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza. F' din il-kawza, is-socjeta' rikorrenti mhiex qed titlob rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, izda taht l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Dak l-artikolu 4, pero' huwa identiku ghall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u jippreskrivi l-istess procedura li ghandha tintuza f'kaz ta' rimedju taht il-Kostituzzjoni. Fil-fatt, is-subartikolu (7) tal-artikolu 7 tal-Kap 31 jghid li jekk persuna qed titlob rimedju kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tista ssir talba wahda fl-istess Rikors. Kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, huwa intisi li jipprotegu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u nehhi xi differenzi partikolari, jittrattaw u jirregolaw l-istess drittijiet. Meta saret l-emenda ghall-artikolu 460 tal-Kodici ta' Procedura malti biex iddahhal ir-rekwisit tal-Ittra Ufficjali jew tal-Protest, l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ma kienx ghadu parti mil-ligijiet tal-pajjiz, u kien ghalhekk li riferenza saret biss ghall-Kostituzzjoni. Meta l-Parlament Malti approva l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, sfortunatament, dak l-artikolu 460 ma giex emendat.

Il-hsieb, pero', wara l-esenzjoni imnizzla fl-artikolu 460, huwa li proceduri li jinvolvu allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, m'ghandhomx jintrabtu ma' proceduri ohra amministrattivi li, ftit jew wisq, jistghu isservu biex itawwlu iz-zmien minn meta c-cittadin jkun

jista jitlob ridress ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Fi kliem iehor, ghalkemm l-esenzjoni intrabtet ma artikolu perikolari tal-Kostituzzjoni, il-hsieb kien biex ma jintraznux proceduri immirati ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.  Illum din il-protezzjoni tista tinghata kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u, fil-fehma ta' din il-Qorti, ikun kontro sens jekk procedura taht il-Kostituzzjoni tista tibda minghajr htiega ta' Ittra Ufficjali, izda proceduta ghall-istess rimedju, imma taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tkun tehtieg l-ispedizzjoni u n-notifika ta' Ittra Ufficjali jew Protest Gudizzjarju. Proceduri taht l-artikolu 4 tal-Att dwar il-konvenzjoni Ewropea, li espressament tirreferi ghall-proceduri mehtiega ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, m'ghandhomx ikunu soggetti ghal dewmien amministrattiv marbut ma' l-applikazzjoni tal-art. 460 tal-Kap 12.

Oltre dan, dan ta' l-ahhar indikat artikolu jezenta ukoll mill-applikazzjoni tieghu azzjonijiet li ghandhom jinstemghu b'urgenza.  Ir-*Rules of Court* li jirregolaw il-procedura f'kaz ta' rimedju mitlub taht il-Kostituzzjoni, japplikaw ukoll ghal kull rimedju mitlub taht l-artikolu4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u dawk ir-regolamenti jimmiraw ghad-determinazzjoni tat-talba bi speditezza.  Dan, fuq kollox huwa insitu f'kull procedura li ssir ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li min-natura taghha, trid tigi trattata b'urgenza. L-artikolu 46(7) tal-Kostituzzjoni jghid espressament li dawk ir-*Rules of Court* ghandhom jipprovdu li s-smiegh isir u "b'kull heffa possibbli", u r-riferenza espressa li l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jaghmel ghal dawk ir-Regolamenti, ifisser li l-Legislatur ried li anke l-proceduri taht dak l-Att, ghandhom isiru "b'kull heffa possibbli".  Kwindi, anke taht dan l-aspett, l-artikolu 460 invokat ma jistax jitqies applikabbli.

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-artikolu 460 tal-Kap 12 mhux applikabbli ghall-proceduri inizzjati taht l-

artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319), tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimat.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirreileva fl-ewwel lok, li jekk din il-Qorti ghandhiex jew le tastjieni milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-talba, f'kaz tal-ezistenza ta' rimedji alternattivi, hija diskrezzjonali ghaliha, u l-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni tiddependi mill-evalwazzjoni li l-Qorti taghmel tac-cirkustanzi tal-kaz.

Fil-kaz in ezami, ir-rimedji alternattivi jistghu jkunu biss amministrattivi, illum regolati bl-artikolu 469A tal-Kap 12. Dak l-artikolu jitkellem fuq il-mod ta' kif persuna tista tattakka ghemil amministrattiv, pero' fil-fehma ta' din il-Qorti hu difficli li dak l-artikolu japplika ghal dan il-kaz. Ir-rikorrenti f'dan il-process, qed jilmenta mhux minn att ta' l-Awtorita' kif previst fl-imsemmi art. 469A, izda minn nuqqas ta' l-Awtorita' li tipprocessa l-applikazzjoni. Il-ligi trid li l-azzjoni biex tattakka ghemil amministrattiv, tinfetah fi zmien sitt xhur minn meta "min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-ghemil amministrattiv" ( artikolu 469A (3) ); issa jekk l-Awtorita' ma tagixxix, minn meta, min ikollu interess, jista jkun jaf li l-Awtorita' mhux se tagixxi?! Fi kliem iehor, meta dak li qed jigi attakkat mhux xi att pozittiv, mhux possibbli li tiddentifika id-*dies a quo* tat-terminu preskrittiv. Din ic-cirkustanzi turi l-inapplikabilita' ta' l-artikolu 469A ghac-cirkustanza li minnha qed tilmenta s-socjeta' rikorrenti.

Fuq kollox, is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali personali taghha, drittijiet protetti biss bil-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u r-rimedju ma jistax ikun hlief wiehed provdut taht dawk il-ligijiet. Ir-rikorrenti mhux qed tilmenta min xi agir (jew nuqqas ta' agir) li, per ezempju, sehh ghal ghanijiet mhux xierqa jew li hu msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti; ma hi qed tattribwixxi ebda mottiv ulterjuri lill-Awtorita' tal-Ippjanar, izda qed tilmenta mill-fatt tad-dewmien *ut sic* u qed tghid li, fic-cirkustanzi, dak id-dewmien mhux ragjonevoli. Is-socjeta' rikorrenti mhix qed tilmenta li l-Awtorita' hadet xi decizjoni zbaljata, imma li naqset li tiprocessa l-applikazzjoni

taghha fi zmien ragjonevoli u tali talba trid bil-fors tigi mistharga fil-kuntest ta' principji enuncjati fi trattazzjoni ta' ilmenti bazati fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

F'kull kaz, fic-cirkustanzi ( anke minhabba l-fatt li gia ghaddiet sena minn fuq il-ftuh ta din il-kawza), din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tezercita d-diskrizzjoni taghha u tiddeklina milli tkompli tisma din il-kawza u qieghda ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni ta' l-Awtorita' intimata**.**

B'riferenza ghat-tielet eccezzjoni l-artikolu invokat mis-socjeta' rikorrenti jidisponi illi "fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu... kulhadd huwa intitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi." Is-socjeta' rikorrenti tallega li t-Tribunal mwaqqaf bl-Att numru I ta' l-1992 qed jonqos milli jiddetermina l-applikazzjoni taghha ghall-izvilupp tal-propjeta' taghha u dan in-nuqqas qed jaffetwa d-drittijiet civili taghha, cioe id-dritt ta kull proprjetarju li jizviluppa l-art tieghu. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izviupp imwaqqaf b'dak l-att inghatat il-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi fuq applikazzjonijiet ghall-izvilupp ipprezentati minn individwi. Jinghad fil-ligi li d-decizjonijiet tal-Kummissjoni, inkluz kull permess ghall-izvilupp mahrug minnha, ghandhom jitqiesu li huma u ghanhom ikollhom l-istess sahha daqs decizjonijiet ta' l-Awtorita' (art.13(3) tal-Att – Kap 356).

Id-dritt ta' proprjeta', fil-ligi civili, tipprovdi lis-sid bil-*ius utendi*, *ius fruendi* u l-*ius abutendi*, u l-unici limitazzjonijiet li jistghu jezistu huma dawl imposti bil-ligi u bil-principji ta' *buon viccinat*. Il-ligi taghna, fl-interess tal-konservazzjoni tal-ambjent u fl-interess li tara li l-art taghna, li hi limitata, ma tinheliex, innediet il-ligi indikata, mhux biex twaqqaf l-izvilupp izda biex tikkontrolla l-istess fl-interess pubbliku. L-iskop ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar huwa li jara li l-izvilupp issir b'mod ordnat, skond regoli pre-stabbiliti u minghajr hsara lill-ambjent. Il-propjetarju, pero' ghandu dritt inerenti fil-prorjeta' tieghu li jizvilluppa dik il-proprjeta' kif jidhirlu opportun u l-kontrolli li jimponi l-Istat ghandhom

dejjem ikollhom interpretazzjoni restrittiva biex ma jgibux fix-xejn jekk mhux ghar-ragunijiet serji u impellenti, id-dritt tal-individwu li jiizviluppa l-art tieghu.

L-Awtorita' tal-Ippjanar, li ghandha din il-funzjoni ta' kontroll, fil-verita' qed tikontrolla direttament il-*ius utendi* u *fruendi* ta' kull proprjetarju u dan ghax ghandha l-fakolta' tikkontrolla meta u kif ghandu jsir zvilupp u anke sahansitra, li jzomm l-izvilupp kompletament. B'dawn il-poteri, m'hemmx dubbju, fil-fehma tal-Qorti, li l-Awtorita' tikkontrolla almenu in parte id-drittijiet civili ta' kull proprjetarju, u bhala organu mwaqqaf mill-ligi biex jiddeciedi fuq it-tgawdija ta' min hu titolari ta'drittijiet civili, taqa' biex tigi kontrollata bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Kull Tribunal li, b'mod jew iehor, jezercita kontroll fuq id-drittijiet tal-proprjetarju ta' l-art li jinqeda mill-istess art kif jidrilha opportun, ikun qed "jindahal" fl-esercizzju tad-drittijiet civili ta' dak il-proprjetarju, u ghalkemm dak l-indhil, f'socjeta' pluralistika bhal taghna jista' u ghandu jigi accettat bhala "*a necessary measure*", ghandu dejjem jigi kontrollat biex ma jkunx hemm lok ghall-abbuz jew ta' indhil u kontroll li jmorru aktar milli hu ragjonevolment mehtieg f'socjeta' demokratika. M'hemmx dubbju ghalhekk li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, bhala fatt, tirregola u taghti decizjonijiet fuq id-drittijiet civili ta' kull proprjetarju.

Oltre minn dan l-ezami analitiku din il-Qorti ghamlet referenza ghall-ktieb *"The European Convention on Human Rights*" ta' <u>Francis Jacobs u Robin White</u> (*Clarendan Press: 2nd Edition, page 129 et seq*) li jezamina l-iskop tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-parti li tittratta l-kwistjoni, "*What are civil rights and obligations*", l-awturi, wara li jaghmlu rassenja u analizi tal-gurisprudenza Ewropea fir-rigward, jikkonkludu hekk:

*" In summary, the current position adopted by the Court appears to be that the term 'civil rights and obligations' is to be viewed widely. No abstract definition of the concept has been offered, but the concept is to be determined under the Convention and not according to the national classification of matters. <u>Public law matters are not</u>*

*<u>excluded where they are directly decisive for the exercise of private law rights</u>. This would seem to exclude only questions arising in connection with entitlement to social assistance, fiscal decisions, and immigration decisions, though in all these cases, it is certainly possible to construct hypothetical situations in which the public law matter can be decisive for the exercise of private rights. The question is only how strong or close the causation has to be.”*

Jidher car mill-premess li l-Awtorita’ tal-Ippjanar, u , partikolarment, id-diversi Kummissjonijiet u Bordijiet taghha, tiddeciedi kwistjonijiet li jolqtu direttament id-drittijiet civili tal-proprjetarju li jrid jizviluppa l-art tieghu u bhala tali, l-agir ta’ dik l-Awtorita’ huwa soggett ghal limitazzjonijet imposti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghal kull buon fini din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ta’ din l-istess Qorti fil-kawza <u>“Arena noe vs Kummissarju tal-Pulizija et”</u> deciza fid-19 ta’ Novembru 1996 (ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Novembru 1998) fejn gie deciz li modifika f’kundizzjonijiet f’licenzja ta’ Pulizija mill-*Police Licences Appeals Tribunal* saret b’mod li tinvjola d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti b’artikolu 6 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u dan wara li din il-Qorti ddecidiet li dak it-Tribunal kellu funzjoni li sostanzjonalment jolqot id-drittijiet tar-rikorrent li jezercita negozju mill-proprjeta’ tieghu.

Id-dritt ta’ proprjeta’ u d-dritt inerenti ta’ uzu u/jew zvilupp ta’ dik il-proprjeta’ ghandu bla dubbju funzjoni ekonomika u kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz <u>“Pellegrin vs Franza”</u> deciza fit- 8 ta’ Dicembru 1999, meta l-ezercizzju tad-drittijiet civili ta’ l-individwu ghandhom funzjoni jew skop ekonomiku, it-Tribunal li jiddeciedi fuq dak l-ezercizzju irid jagixxi fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-istess principju gie enuncjat mill-istess Qorti Ewropea f’kawzi preceduti bhal <u>“ Ortenberg vs Austria ”</u> deciza fil-25 ta’ Ottubru 1994, u <u>“ Fischer vs Austria ”</u> deciza fl-24 ta’ Marzu 1995.

Fl-ewwel kaz intqal li l-artikolu 6 japplika "*where the subject matter of an action is " pecuniary*" *in nature and is founded on an alleged infringement of rights which are likewise pecuniary or where its outcome is decisive for private rights and obligations".*

F'dan il-kaz, l-Awtorita' tal-Ippjanar hija mghobbija li tiehu decizjonijiet li bla dubbju ta' xejn huma "*decisive"* ghall-ezercizzju tad-drittijiet privati tac-cittadin, u kwindi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplika fil-konfront taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddeciedi din l-istanza bill tichad bhala infondati l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' intimata u tiddifferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni u eventwali decizjoni taghha fuq il-meritu.

L-ispejjes relattivi ghal din id-decizjoni jithallsu mill-Awtorita' intimata.

IMHALLEF

D/REG